MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 425/2003

**Francis Zammit Glassworks Ltd**

**vs**

**Woodline Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u tnejn u sebghin Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM2,172.51c) rapprezentanti prezz ta' xogholijiet ta' hgieg mibjugha u kkonsenjati lilha mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghha stess;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-17 ta' Marzu tas-sena 2002 u ta' l-14 ta' Mejju tas-sena 2003, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Marzu tas-**

**sena 2003, u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**Is-socjeta' konvenuta hija minn issa mharrka sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-14 ta' Ottubru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------